



## Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)  
8 ta' Ottubru 2013

Kawża T-597/11 P

**Christos Michail**  
vs  
**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Talba għal assistenza — Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Fastidju psikoloġiku — Appell manifestament infondat”

**Suġġett:** Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tat-13 ta' Settembru 2011, Michail vs Il-Kummissjoni (F-100/09), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Deċiżjoni:** L-appell huwa miċħud. Christos Michail għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri.

### Sommarju

1. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 257 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Anness I, Artikolu 11(1))*

2. *Rikorsi tal-uffiċjali — Motivi — Użu ħażin ta' poter — Kunċett — Oneru tal-prova tal-uffiċjal*

3. *Proċedura ġudizzjarja — Miżuri ta' organizazzjoni tal-proċedura — Miżuri istruttorji — Setgħa diskrezzjonali tal-qorti tal-Unjoni — Portata*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 19)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea: 8 ta' Settembru 2008, Kerstens vs Il-Kummissjoni, T-222/07 P, Ġabru SP p. I-B-I-37 u II-B-I-267, punti 60 sa 62 u l-ġurisprudenza ċċitata

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

MT

(ara l-punt 26)

Referenza:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 16 ta' April 2013, Spanja vs Il-Kunsill, C-274/11 u C-295/11, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata

3. L-evalwazzjoni ta' jekk huwiex opportun li tiġi adottata miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżura istruttorja, għall-finijiet tad-deċiżjoni li l-qorti għandha tieħu, għandha ssir mill-qorti u mhux mill-partijiet. Madankollu, filwaqt li huwa minnu li parti ma tistax titlob li l-qorti tal-Unjoni tadotta miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżura istruttorja, jibqa' l-fatt li l-qorti ma tistax tagħmel deduzzjonijiet mill-assenza, fil-proċess, ta' ċerti elementi sakemm ma tkunx eżawriet il-mezzi kollha previsti mir-regoli tal-proċedura tagħha sabiex tikseb il-produzzjoni tal-imsemmija elementi mill-parti inkwistjoni.

(ara l-punti 39, 40)

Referenza:

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea: 12 ta' Mejju 2010, Il-Kummissjoni vs Meierhofer, T-560/08 P, Ġabru P. II-1739, punti 61 u 62